**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 623/1995**

**Illum: 30 ta' Settembru, 2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ferdinando sive Ferdinand Grech (ID 36949(M))**
**Joseph sive Joseph Paul Sultana (ID 251468(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati (li tressqu taht arrest nhar it-30 ta' Ottubru 1995):

Fernando sive Ferdinand Grech ta' 46 sena, bin Joseph u Mary nee` Mifsud, imwieled Pieta` fil-15 ta' Dicembru 1948 u residenti Numru 5, Josmar Flats, St. Luke's Road, G'Mangia, detentur tal-karta tal-identita` numru 36949(M);

Joseph sive Joseph Paul Sultana ta' 27 sena, bin Joseph u Juanita nee` Pace, imwieled Attard fid-29 ta' Mejju 1968, residenti Numru 66/4, Tower Road, Sliema, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 251468(M);

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra li meta gew prezentati ircevew bihom hlas, jew hadu kunsinna ta' oggetti, jew gabru depozitu jew rahan minn ufficjal pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u xjentement ghamlu uzu minn dawn id-dokumenti falsifikati u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw u aktar talli xjentement ghamlu uzu minn atti, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra, sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, ghamlu qliegh ta' aktar minn Lm500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. F'isem il-Kontrollur tad-Dwana, akkuzati talli:

   1. Bhala diretturi tal-Mercury Technologies, bil-hsieb li jevadu d-dazju ipprezentaw *invoices*/fatturi foloz, b'liema *invoices* u fatturi li gew ipprezentati ma giex imhallas u/jew kawtelat dazju li jammonta ghal Lm30,539.00,0 u dan bi ksur tal-Artikolu 60(a)(k) u l-Artikolu 62(a)(b)(e)(f)(g)(h)(k)(m) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

   2. Ukoll talli kellhom fil-pussess taghhom 29 *Monitor*/*Colour Televisions* li dazju fuqhom ma giex imhallas u/jew kawtelat, liema dazju jammonta

ghal Lm2,429.00,0 u dan bi ksur tal-Artikolu 60(a)(e)(k) u l-Artikolu 62(a)(b)(e)(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba u dan fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, illi f'kaz ta' htija, terz tal-piena ta' flus jitqies bhala dejn civili u ghandu jigi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern ta' Malta u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku nghatat f'azzjoni civili bejn il-Gvern u l-hatja.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti inkluz illi waqt l-ezami taghhom ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputati rrizervaw dwar jekk riedux iwiegbu jew dwar x'riedu jwiegbu ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom[1], kif ukoll in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tal-11 ta' Settembru 2008[2], fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti artikoli tal-ligi:

a. L-artikoli 167(1), 169 u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. L-artikoli 183, 184 u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. L-artikoli 188 u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. L-artikoli 308, 310(1)(a) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. L-artikoli 60(a)(k) u 62(a)(b)(e)(f)(g)(h)(k)(m) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. L-artikoli 60(a)(c)(k) u 62(a)(b)(e)(f)(g)(h)(k)(m) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. L-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta' Settembru 2008, l-imputati ddikjaraw li m'ghandhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;[3]

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2013, l-imputat Joseph Sultana iddikjara li kien qieghed jezenta lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' x-xhieda mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[4], illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2014, il-Prosekuzzjoni ghamlet l-istess dikjarazzjoni[5], kif ukoll illi

[1] A fol. 11 u 12 tal-process.
[2] A fol. 941 tal-process.
[3] A fol. 940 tal-process.
[4] A fol. 1008 tal-process.
[5] A fol. 1016 tal-process.

fis-seduta tal-25 ta' April 2014, l-imputat Ferdinand Grech ukoll ezenta lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' x-xhieda mressqa fil-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti diversament preseduta[6];

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-imputati u semghet it-trattazzjoni ulterjuri taghhom, filwaqt illi rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Htija</u>**

Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 1995, xehed **Louis Micallef**, mis-Sezzjoni Legali tad-Dipartiment tad-Dwana, li esebixxa zewg talbiet tal-Kontrollur tad-Dwana, sabiex il-pulizija tipprocedi fil-konfront taz-zewg imputati, it-tnejn datati 17 ta' Novembru 1994.[7] Esebixxa wkoll nota ta' qbid datata 12 ta' April 1993 fir-rigward ta' 29 *monitor/colour TVs*[8] u esebixxa formalment 29 *television set* elevati mid-Dipartiment tad-Dwana mill-pussess tal-imputati fit-13 ta' April 1993, liema *sets* kienu jinsabu fil-pussess tad-Dipartiment tad-Dwana.[9] Dwar dawn il-*monitors/television sets*, fis-seduta tas-17 ta' Novembru 1995, **Carmel Scicluna**, spettur mad-Dipartiment tad-Dwana, xehed illi fit-12 ta' April 1993, huwa kien gie ordnat minn Mario Gatt sabiex imur ghand id-ditta Mercury Technologies biex jigbor xi *monitors* mill-pussess tal-istess ditta u fil-fatt kien mar fl-ufficju tad-ditta gewwa Testaferrata Street, Gzira. Jghid illi fuq il-post huwa sab 29 *monitor* li kienu ghadhom ippakkjati u nghata struzzjonijiet minn Mario Gatt sabiex jghid lis-*salesman* li kien fuq il-post, li l-istess *monitors* kellhom jitnizzlu d-dwana.[10] Fl-istess seduta, imbaghad **Carmel Abela**, ex-spettur mad-Dipartiment tad-Dwana, xehed illi fit-13 ta' April 1993, huwa nghata ordni sabiex imur l-i*store* tad-dwana gewwa Pinto Wharf, ghaliex dakinhar kellhom jingiebu 29 *monitor* tal-kulur tal-marka Hantarex mid-ditta Mercury Technologies. Meta dawn waslu fuq il-post, huwa ha s-*serial numbers* taghhom u hallihom hemm ghal investigazzjoni ulterjuri.[11] Riprodott fis-seduta tal-15 ta' Lulju 1998[12], ix-xhud qal illi huwa qatt ma ltaqa' mal-imputati u esebixxa dokument bis-serial numbers kollha tal-*monitors* li kien ra.[13]

---

[6] A fol. 1017 tal-process.
[7] Dawn jinsabu esebiti a fol. 32 *et seq* u 34 tal-process.
[8] Din tinsab esebita a fol. 35 tal-process.
[9] Ara x-xhieda ta' Louis Micallef, a fol. 29 *et seq* tal-process.
[10] Ara x-xhieda a fol. 93 *et seq* tal-process.
[11] Din ix-xhieda tinsab a fol. 96 *et seq* tal-process.
[12] Ara a fol. 500 *et seq* tal-process.
[13] Dan jinsab esebit a fol. 503 tal-process.

Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 1995, xehdet l-**Ispettur** (illum Supretendent) **Alexandra Mamo**, li esebiet l-istqarrijiet rilaxxjati miz-zewg imputati, liema stqarrijiet huma t-tnejn datati 7 ta' Settembru 1994.[14] Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 1995, xehed l-**Ispettur Raymond Vella Gregory**, li qal illi madwar Awwissu 1994, huwa gie avvicinat minn fizzjali tad-Dwana dwar allegata falsifikazzjoni ta' *invoices* da parti tad-ditta Mercury Technologies, liema fizzjali ghaddewlu kopji ta' dokumenti. Sussegwentement, huwa baghat ghad-diretturi tal-istess ditta u cioe` iz-zewg imputati, u nterrogahom fis-7 ta' Settembru 1994. Huwa gharaf l-istqarrijiet rilaxxjati miz-zewg imputati rispettivament.[15]

Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 1995, xehed ukoll **Joseph Miceli**, Kap tas-Sezzjoni ta' Investigazzjonijiet tad-Dipartiment tad-Dwana, li spjega li l-kaz in ezami beda in konnessjoni ma' importazzjoni partikolari ta' 80 *monitor* ta' zewg tipi differenti, liema importazzjoni kienet tirreferi ghal *duty entry* numru 293007, datata l-1 ta' April 1993.[16] Dawn l-oggetti kienu gew importati f'Malta mid-ditta Mercury Technologies Limited, fil-waqt li d-ditta barranija involuta kienet id-ditta Taljana Hantarex. Ix-xhud spjega illi dwar l-*invoice* relattiva[17] kien hemm dubju fil-prezzijiet ikkwotati u kien hemm ukoll *query* mid-Dipartiment tat-Telegrafija dwar jekk l-oggetti in kwistjoni kellhomx jigu klassifikati bhala *monitors* jew inkella *televisions.* Skond ix-xhud, irrizulta li kien hemm ghaxar importazzjonijiet, oltre dik li ghamel referenza ghaliha, fejn allegatament kien hemm dikjarazzjoni falza dwar il-valuri fuqhom dikjarati.[18] Dwar dawn id-diskrepanzi saret korrispondenza mal-*Guardia di Finanza*, a bazi ta' liema korrispondenza, id-Dwana Maltija rceviet dokumentazzjoni mill-istess *Guardia di Finanza*, li minnha rrizulta li l-valur globali tal-oggetti kellu jkun ta' 252,935,320 Liri Taljani, fil-waqt li l-valur globali dikjarat fid-dokumenti li kienu jinsabu f'idejn id-Dwana Maltija kien ta' 70,711,000 Liri Taljani. Konvertiti f'Liri Maltin l-ewwel somma kienet tammonta ghal Lm64,184, fil-waqt illi t-tieni somma, skond l-*invoices* fil-pussess tad-Dwana Maltija, kienet tammonta ghal Lm17,808. A bazi ta' dawn l-ahhar *invoices* thallas dazju ta' Lm11,660 u ghalhekk skond ix-xhud, allegatament kien hemm evazjoni

---

[14] L-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Ferdinand Grech tinsab esebita a fol. 66 *et seq* tal-process, fil-waqt illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Sultana tinsab esebita a fol. 68 *et seq* tal-process.

[15] Ara xx-xhieda a fol. 81 *et seq* tal-process.

[16] Ara Dok. JM 50 formanti parti minn Dok. JM, a fol. 88BC tal-process.

[17] Din tinsab esebita bhala Dok. JM 47, a fol 88 BA tal-process.

[18] Fil-fatt mid-dokumenti esebiti mill-istess xhud bhala Dok. JM (a fol. 88A), jirrizulta li b'kollox kien hemm ghaxar importazzjonijiet li jiffurmaw il-mertu ta' din il-kawza. Ix-xhud spjega li ghalkemm l-investigazzjoni kienet tinvolvi hdax-il entry, wahda minn dawn kienet minima u ghalhekk id-dokumentazzjoni relattiva ma giex rintraccjata.

ta' dazju ta' Lm30,340. L-investigazzjoni fid-dettal dwar dan il-kaz saret mill-fizzjal Anthony Gouder, spettur fid-Dipartiment tad-Dwana.

Ix-xhud spjega wkoll illi d-*duty entries* kollha relatati mal-ghaxar importazzjonijiet huma kollha f'isem Mercury Technologies Limited bhala importatur u kull *entry* tinsab iffirmatha minn individwu. Ix-xhud jghid ukoll illi huwa jaf liz-zewg imputati u li sar jafhom waqt l-investigazzjoni ta' dan il-kaz.[19]

Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 1995, kompla jixhed l-istess Joseph Miceli[20], li esebixxa inventarju tad-dokumenti fil-pussess tad-Dwana Maltija.[21] Fost dawn id-dokumenti, hemm dokumenti (ossia Dok. JM1 (a fol. 88G), Dok. JM 7 (a fol. 88M), Dok. JM14 (a fol. 88U), Dok. JM 20 (a fol. 88AA), Dok. JM 26 (a fol. 88AG), Dok. JM 32 (a fol. 88AM), Dok. JM 38 (a fol. 88AR), Dok. JM 46 (a fol. 88AZ), Dok. JM 51 (a fol. 88BE) u Dok. JM 64 (a fol. 88BP) li huma fotokopja u li d-Dwana Maltija rceviet minn barra. Skond ix-xhud, l-original ta' dawn id-dokumenti kienu fil-pussess tal-*Guardia di Finanza Taljana*.[22] Ix-xhud jghid ukoll illi fuq kull *duty entry form* esebita, id-dikjarant huwa dejjem imnizzel bhala Ferdinand A. Grech. In oltre jghid illi f'okkazzjoni partikolari kien mar ikellmu minn jeddu gewwa l-ufficju tieghu, l-imputat Sultana, meta dan tal-ahhar sar jaf li kien hemm xi nkwiet dwar l-importazzjoni tal-*monitors* in kwistjoni u wara li x-xhud spjegalu x'kienet il-problema u semmielu l-fatt li kienu qed jitkellmu dwar somom ta' flus konsiderevoli, l-imputat kien jidher inkwetat. Mal-imputat Grech, ix-xhud kien iltaqa' b'kumbinazzjoni. Dan semma' biss li kellu l-problema in kwistjoni, izda ma tantx tkellmu fuqha u ma ddiskutew l-ebda dettal.

Ix-xhud spjega wkoll illi l-problema kienet tirreferi ghall-fatt illi l-importazzjoni ta' *monitors* ma kenitx tehtieg licenzja tal-*wireless telegraphy*, fil-waqt illi fuq *televisions* ghandha tithallas il-licenzja relattiva. In oltre, kienet dahlet *query* dwar il-valur dikjarati fl-*invoices*, cioe` fuq l-*entries* li saru mad-Dwana.

Fl-istess seduta tas-17 ta' Novembru 1995 xehed ukoll **Anthony Gouder**, spettur fis-Sezzjoni tal-Frodi tad-Dipartiment tad-Dwana u cioe` il-fizzjal tad-Dwana li investiga l-kaz odjern.[23] Huwa jghid illi dahal fil-kaz f'Ottubru 1993, li kien

---

[19] Ix-xhieda ta' Joseph Miceli tinsab a fol. 73 *et seq* tal-process.
[20] Ara x-xhieda a fol. 83 *et seq* tal-process.
[21] Dawn jinsabu esebiti a fol. 88 tal-process bhala Dok. JM u jinsabu mmarkati minn Dok. JM 1 sa Dok. JM 69. Id-dokument JM 61 u 62 ma gewx esebiti stante li dawn ma kellhomx x'jaqsmu mal-kaz odjern.
[22] Dwar dawn il-fotokopji, l-avukat difensur ghan-nom tal-imputat Grech irrizerva l-posizzjoni tieghu u zamm ferm id-drittijiet tieghu in rigward l-esebiti li huma fotokopja mibghuta mill-Guardia di Finanza (ara l-verbal a fol. 78 tal-process.)
[23] Ara x-xhieda tieghu a fol. 89 *et seq* tal-process.

sejjahlu l-Kap tad-Dipartiment ossia Joseph Miceli u wrieh ghaxar *invoices* rilaxxjati mill-awtoritajiet Taljani. L-istess Miceli kien gibidlu l-attenzjoni dwar *invoice* partikolari fost dawk ricevuti minn barra, li meta giet imqabbla mal-*invoice* lokali, irrizulta li kien hemm diskrepanza bejniethom fil-*layout* tad-dokumenti u kien hemm ukoll certi timbri neqsin minn wahda ghall-ohra, apparti li l-prezz kien jidher mibdul. Ix-xhud irrefera ghall-*invoice* barranija u dik lokali bin-numru 50544, esebiti bhala Dok. JM 46 u 47 rispettivament (a fol. 88AZ u 88BA rispettivament) u jispjega li Dok. JM 46 hija dik li d-Dwana Maltija rceviet bhala fotokopja mill-*Guardia di Finanza* Taljana, fil-waqt li Dok. JM 47 hija dik li kienet fil-pussess tad-Dwana Maltija. F'din l-*invoice,* kien hemm diskrepanza fil-valur dikjarat minn Lm8,116 ghal Lm2,670 u allegatament evazjoni ta' dazju ta' Lm3,640.[24] Ghalhekk huwa gabar l-*invoices* originali fil-pussess tad-Dwana Maltija sabiex dawn jigu mqabbla mal-fotokopji li kellu fil-pussess tieghu Joseph Miceli u li gew mibghuta mill-*Guardia di Finanza*, li b'kollox kienu jirreferu ghal ghaxar importazzjonijiet. Wara li ghamel dan, huwa seta' jara li fuq il-fotokopji fil-pussess ta' Miceli, il-valur kollu li kien dikjarat kien ta' Lm64,148, fil-waqt li fuq l-*invoices* fil-pussess tad-Dwana Maltija, il-valur kien ta' Lm17,808, bir-rizultat li kien hemm allegatament evazjoni ta' dazju fis-somma ta' Lm30,340.

Skond ix-xhud, dawn l-*invoices* kien jirreferu ghall-importazzjoni ta' oggetti bejn Frar 1992 u April 1993, li x-xoghol in kwistjoni kien intbghat mill-Italja mid-ditta Hantarex, fil-waqt illi l-importatur kien jidher bhala d-ditta Maltija Mercury Technologies. Huwa jghid illi ghamel nota spjegattiva ma' kull *invoice* li rceviet id-Dwana Maltija in fotokopja mill-*Guardia di Finanza* u l-*invoice* lokali fil-pussess tad-Dwana Maltija. Dwar dan, il-Qorti tinnota li dawn in-noti jinsabu esebiti bhala Dok. JM2 (a fol. 88H), Dok. JM8 (a fol. 88N), Dok. JM15 (a fol. 88V), Dok. JM21 (a fol. 88AB), Dok. JM 27 (a fol. 88AH), Dok. JM33 (a fol. 88AN), Dok. JM 39 (a fol. 88AS), Dok. JM45 (a fol. 88AY), Dok. JM 52 (a fol. 88BF) u Dok. JM 65 (a fol. 88DQ). Fis-seduta tat-8 ta' Lulju 1998, l-istess xhud esebixxa wkoll rapport formali li huwa kien ghamel in konnessjoni ma' dan il-kaz, liema rapport huwa datat l-1 ta' Dicembru 1993.[25]

Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 1995, l-imputati tramite d-difensuri taghhom talbu n-nomina ta' espert kaligrafu in vista tal-fatt illi fl-akkuza hemm il-falsifikazzjoni

---

[24] Skond dawn l-esebiti, kif ukoll in-nota spjegattiva tal-istess fizzjal esebita a fol. 88AY (Dok. JM 45), il-valur li jidher fuq il-fotokopja tal-*invoice* mibghuta mill-*Guardia di Finanza* huwa ta' 34,180,000 Liri Taljani, fil-waqt illi l-valur fuq l-*invoice* fil-pussess tad-Dwana Maltija huwa ta' 11,250,000 Liri Taljani ossia Lm2671. Skond in-nota spjegattiva tal-istess fizzjal, kellu jithallas dazju ta' Lm5438 fuq is-somma ta' 34,180,000 Liri Taljani, filwaqt li thallas dazju ta' Lm1790 fuq is-somma ta' 11,250,000 Liri Taljani, bir-rizultat li kien hemm allegatament evazjoni ta' dazju ta' Lm3648.

[25] Dan jinsab esebit a fol. 491 tal-process.

u ddikjaraw illi ghal dan il-ghan kienu disposti li jaghtu lill-espert nominat, kull kampjun necessarju.[26] Din in-nomina madankollu baqghet ma saritx.
Permezz ta' digriet tas-27 ta' Novembru 1995[27], il-Qorti laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-ezami tax-xhieda ossia rapprezentant tad-ditta Hantarex spa ta' Firenze u l-Col.t.ST Francesco Petracca tal-*Guardia di Finanza* ta' Ruma, permezz tal-procedura tal-ittri rogatorji. Ghal dan il-ghan, kif ordnat mill-Qorti fl-istess digriet, fis-16 ta' Jannar 1996, il-Prosekuzzjoni esebiet id-domandi li kellhom isiru permezz tal-procedura tal-ittri rogatorji lir-rapprezentant tad-ditta Hantarex u lill-Kurunell Petracca, apparti li nkudiet ukoll bhala xhud flimkien mal-Col.t.ST Francesco Petracca, lil Ten. Col. Corrado Dimartini, mill-*Guardia di Finanza*, Ruma.[28] Il-Qorti tinnota illi f'wahda mill-mistoqsijiet formulati lil dawn l-ahhar zewg xhieda msemmija, il-Prosekuzzjoni tistaqsi jekk kemm il-darba gew elevati dokumenti da parti tal-*Guardia di Finanza*, kinux dawn f'posizzjoni li jesebixxu d-dokumenti originali minnhom elevati.

Fis-seduta tas-6 ta' Settembru 1996 mizmuma quddiem il-*Pretura di Firenze* sabiex jinstema' r-rapprezentant legali tad-ditta Hantarex, dan ir-rapprezentant ma deherx u in oltre gie rilevat illi d-dokumenti li kien hemm referenza ghalihom fid-domanda numru hamsa fl-ittri rogatorji, kienu neqsin. F'din is-seduta dehru wkoll l-avukat difensur Dr. Joseph Brincat ghall-imputat Sultana u l-avukat Enrico Rossi ghall-imputat Grech. Ghalhekk giet iffissata seduta ohra fl-20 ta' Dicembru 1996.[29] F'din is-seduta, gie vverbalizzat illi l-avukat difensur Dr. J. Brincat iddepozita d-dokumentazzjoni li kienet nieqsa fl-udjenza ta' qabel u ddikjara li ma kienx possibbli li jinstab ir-rapprezentant legali tas-socjeta` Hantarex stante li din falliet. Ghalhekk kellu jigi ingunt sabiex jixhed Dott. Gian Pietro Castaldi bhala Kuratur tal-Falliment tal-istess socjeta`.[30] Sussegwentement giet iffissata seduta fis-26 ta' Marzu 1997 quddiem l-istess *Pretura* sabiex jinstema' l-istess **Dott. Gian Pietro Castaldi**, f'liema seduta kien prezenti Dr. Joseph Brincat ghall-imputat Sultana, li nnota li d-dokumentazzjoni msemmija fil-verbal tas-6 ta' Settembru 1996, kienet ghadha ma waslitx minn Malta.[31] F'din is-seduta, l-istess xhud jghid illi huwa l-kuratur tal-falliment tad-ditta Hantarex, li gie nominat ghal dan il-ghan mit-Tribunal ta' Firenze u li qatt ma kellu rapporti ta' mpjieg mal-

26 Ara l-verbal a fol. 78 u 79 tal-process.
27 Ara d-digriet a fol. 100 tal-process.
28 Dawn jinsabu esebiti a fol. 113 *et seq* tal-process.
29 Ara l-verbal tal-*Pretura di Firenze*, a fol. 309 u 309A tal-process.
30 Ara l-verbal tal-istess *Pretura*, a fol. 309A tal-process.
31 Ara l-verbal tal-*Pretura*, a fol. 310 tal-process.

Hantarex.[32] Jghid ukoll illi mid-dokumenti minnu ezaminati, ma jiftakarx dwar ir-relazzjoni tad-ditta Hantarex ma' Mercuries Technologies Limited. Jghid illi l-*invoices*[33] jidhru mahruga mid-ditta Hantarex, izda ghall-konferma ta' dan kien mehtieg li ssir verifika mal-arkivji tal-Hantarex biex tigi accertata l-ezistenza tal-kopji u dawn ikunu konfrontati. Jghid illi l-originali, jekk jezistu, huma presumibilment arkivjati fl-ufficju tal-Hantarex. Ma kienx f'posizzjoni li jghid min kienet il-persuna li kienet taghmel l-ordnijiet.

F'seduta ohra fid-19 ta' Novembru 1997 mizmuma mill-*Pretura di Firenze* sabiex jerga' jinstema' l-istess xhud[34], **Dott. Gian Pietro Castaldi**ipprezenta f'forma skritta t-twegibiet ghad-domandi maghmula lir-rapprezentant tad-ditta Hantarex, bl-informazzjoni li huwa jghid li kellu fil-pussess tieghu fir-rigward tal-*invoices* li nstabu ghand is-socjeta` Hantarex in konnessjoni mas-socjeta` Maltija. F'dan id-dokument, huwa jindika illi mhux l-*invoices* kollha esebiti jinsabu fil-kotba tal-Hantarex, izda biss dawk immarkati bhala Dok. JM1, JM7, JM14, JM26, JM32, JM38, JM46 u JM51. Wara li jispecifika d-diskrepanzi bejn dawn il-fatturi hekk immarkati u l-bqija tal-fatturi esebiti, huwa jikkonkludi billi jghid illi l-fatturi esebiti bhala Dok. JM6, JM13, JM 19, JM25, JM31, JM37, JM44, JM47, JM 54 u JM57 (ossia l-fatturi pprezentati lid-Dwana Maltija) ghandhom jigu meqjusa bhala li ma jikkorrispondux mal-originali mahruga mis-socjeta` Hantarex, fil-waqt illi d-dokumenti indikati bhala JM1, JM7, JM14, JM26, JM32, JM38, JM46, JM51 u JM64 jikkorrispondu mal-originali li gew mahruga mill-imsemmija socjeta`. Gew ipprezentati wkoll mill-istess xhud vera kopja tal-fatturi fil-pussess tas-socjeta` Hantarex, fil-waqt li, skond il-verbal ta' din l-udjenza, l-fatturi originali nghataw lura lix-xhud.

Nhar is-7 ta' April 1997, quddiem it-*Tribunale Civile di Roma* xehed **il-Kurunell tal-*Guardia di Finanza* Dimartina Corrado**.[35] Huwa jghid illi l-intervent taghhom kien jirrigwarda transazzjoni kummercjali bejn il-Hantarex ta' Firenze u l-Mercury ta' Malta u li l-Kwartier Generali ghadda t-talba relattiva lill-Kwartier Generali kompetenti ta' Firenze. Kellha tigi verifikata l-esistenza ta' fatturi b'valur imnaqqas. In-nukleju ta' Firenze ivverifika li l-*invoice* li waslet mid-ditta

---

[32] L-imsemmija verbali u x-xhieda ta' Dott. Gian Pietro Castaldi (a fol. 310 sa 311 tal-process) gew tradotti fil-lingwa Maltija minn Dr. Audrey Vassallo, liema traduzzjoni tinsab a fol. 407 *et seq* tal-process, wara li giet nominata ghal dan l-iskop b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Frar 1998 (a fol. 379 tal-process).

[33] Il-Qorti tinnota li hawnhekk ix-xhud kien qed jitkellem dwar il-kopji tal-*invoices* esebiti a fol. 312 sa 330 tal-process.

[34] Ara l-verbal ta' din l-udjenza u x-xhieda a fol. 341 *et seq* tal-process u t-traduzzjoni fil-lingwa Maltija a fol. 414 *et seq* tal-process.

[35] Ara din ix-xhieda a fol. 291 tal-process, formanti parti mill-atti tal-ittri rogatorji esebiti a fol. 193 tal-process u t-traduzzjoni ta' din ix-xhieda fil-lingwa Maltija maghmula minn Dr. Audrey Vassallo, liema traduzzjoni tinsab a fol. 393 *et seq* tal-process.

Maltija hija differenti minn dik li nharget mid-ditta Taljana u b'mod partikolari fuq l-ezemplari mahruga mid-ditta Taljana, il-prezzijiet kumplessivi huma kwazi t-triplu ta' dawk li jidhru fl-*invoice* li waslet mis-socjeta` Maltija. Ix-xhud imbaghad ikkummenta dwar id-dattilografija taz-zewg *invoices* u d-diskrepanza bejniethom f'dan ir-rigward. Huwa esebixxa kopja tal-verifiki maghmula min-nukleju tal-*Guardia di Finanza* ta' Firenze u tal-*invoices* mibghuta mill-istess nukleju.[36]
Xehdu wkoll matul dawn il-proceduri, diversi ufficjali tad-Dwana li kienu nvoluti fir-rilaxx tal-merkanzija importata mis-socjeta` Mercury Technologies Limited matul is-snin in kwistjoni ossia Louis Galea[37], John Galea Cavallazzi[38], Salvatore Falzon[39], Joseph Farrugia[40], Joseph Sghendo[41], Ernest Said[42], Joseph Tong[43], Anthony Mifsud Bonnici[44], Joseph Naudi[45], Francis Attard[46], Alfred Aquilina[47], Simone Pace[48], Mark Cassar Parnis[49] u Francis Grech[50]. Minn dawn ix-xhieda jirrizulta illi hadd minn dawn l-ufficjali ma ftakar jekk kienx hemm prezenti waqt l-istess rilaxx l-imputat Sultana jew Grech, izda lkoll xehdu li lill-imputat Sultana ma kinux jafuh u/jew li qatt ma kienu ltaqghu mieghu f'xogholhom. Dwar l-imputat Grech, Francis Attard jghid li kien jafu, Salvatore Falzon, Louis Galea, Joseph Naudi u Francis Grech jghidu illi kienu jafuh in konnessjoni ma' xoghol tad-dwana jew gewwa d-dwana, Joseph Sghendo, Alfred Aquilina u Mark Cassar Parnis jghidu illi gieli rrilaxxawlu xi xoghol fid-dwana u Anthony Mifsud Bonnici jghid li kien jafu bhala importatur ta' *video monitors*.

Fis-seduta tat-8 ta' Lulju 1998, **Arthur Pizzuto** esebixxa kopja legali tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta` Mercury Technologies Limited[51], mil-liema jirrizulta *inter alia* illi l-kumpanija Total Solutions Limited giet registrata fis-17 ta' Ottubru 1991, li b'effett mill-15 ta' Mejju 1992, l-isem tal-kumpanija inbidel minn Total Solutions Limited ghal Mercury Technologies Limited u li fil-waqt illi l-imputat Joseph Sultana kien wiehed mill-ewwel diretturi

[36] Dawn jinsabu esebiti a fol. 255 sa 288 tal-process u a fol. 295 sa 301 tal-process.
[37] A fol. 423 *et seq* u a fol. 463 *et seq* tal-process.
[38] A fol. 426 *et seq* tal-process.
[39] A fol. 429 *et seq* tal-process.
[40] A fol. 435 *et seq* tal-process.
[41] A fol. 438 *et seq* tal-process.
[42] A fol. 440 *et seq* tal-process.
[43] A fol. 442 *et seq* tal-process.
[44] A fol. 444 *et seq* tal-process.
[45] A fol. 451 *et seq* tal-process.
[46] A fol. 453 *et seq* tal-process.
[47] A fol. 455 *et seq* tal-process.
[48] A fol. 457 *et seq* tal-process.
[49] A fol. 459 *et seq* tal-process.
[50] A fol. 465 *et seq* tal-process.
[51] Dan jinsab esebit a fol. 475 *et seq* tal-process.

tal-kumpanija, l-imputat Grech gie appuntat bhala direttur b'effett mill-15 ta' April 1992.

Fis-seduti tat-8 ta' Lulju 1998 u tal-15 ta' Lulju 1998, xehed **Martin Spiteri** in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-*Wireless and Telegraphy*, li spjega li matul is-sena 2003, huwa kien spettur fl-imsemmi dipartiment fejn, fost ohrajn, kienu jsiru spezzjonijiet fir-rigward ta' oggetti mportati minn barra, inkluz *monitors*. Huwa kien involut f'dan il-kaz billi ezamina *monitors* sabiex jiccertifika li dawn effettivament kienu *monitors* u mhux *televisions*. Jispjega fix-xhieda tieghu illi l-oggetti in kwistjoni[52] gew mghoddija lilu mit-*technician* tal-istess dipartiment u dan peress illi l-istess *technician* ma setax jasal ghall-konkluzjoni jekk dawn kinux *televisions* jew *monitors* ta' kompjuters. Jghid ukoll illi dawn kienu ngiebu mid-Dwana u kienu tad-ditta Hantarex, 28 *inch*. Ix-xhud jispjega illi meta ezamina l-istess oggetti, huwa wasal ghall-konkluzjoni li dawn kienu *monitors* b'partijiet mizjuda ossia *monitors* b'partijiet li jappartjenu lil *television* u li fil-fatt setghu kienu *televisions* minghajr *tuner*. In linea mal-*policy* li kienet tigi adottata dak iz-zmien, huwa kien irrakkomanda illi jitnehhew dawk il-partijiet fil-*monitor* li kienu jaghmluh *television*, biex b'hekk isir *monitor* u jkun jista' jigi mportat. In kontro-ezami jerga' jghid illi dawn kienu izjed *televisions* milli *monitors*, ghaliex kellhom l-elementi kollha ta' *television* minghajr it-*tuner*.[53]

Fis-seduta tad-19 ta' Gunju 1998 xehed **Francis Borg**[54] u fis-seduta tad-29 ta' Lulju 1998 xehed **Patrick Pullicino**[55], li fiz-zmien tal-kaz odjern kienu *valuation officers* gewwa d-Dwana u qalu li in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma kienu ghamlu valutazzjoni ta' *monitor* tal-kulur, 28 *inch*, tad-ditta Hantarex. Huma spjegaw kif waslu ghal din il-valutazzjoni u jghidu li stmawh bil-prezz ta' Lm125 *CIF*. Ix-xhud Borg esebixxa din l-istima datata 11 ta' Novembru 1994, liema stima giet ikkonfermatha minn Pullicino. Pullicino jghid ukoll illi huma ma kinux jifhmu dwar l-oggett in kwistjoni mil-lat tekniku.

Permezz ta' digriet tad-29 ta' Lulju 1998[56], fuq talba tal-imputati, wara li kkunsidrat illi meta sar is-smiegh tax-xhieda bil-procedura tal-ittri rogatorji gewwa Ruma, ma kinux prezenti la l-imputati u lanqas rapprezentant taghhom, stante illi l-

---

[52] Skond il-*memo* esebita mill-istess xhud (a fol. 507 tal-process), huwa ezamina 80 *monitor* tad-ditta Hantarex ossia tletin li kienu 28 *inch* u *remote controlled* u hamsin li kienu 20 *inch* u li kienu kkontrollati manwalment – oggetti dawn li kienu gew importati mis-socjeta` Mercury Technology Ltd. Jirrizulta wkoll mill-istess *memo* illi huwa skontra elementi ta' *television* biss fil-*monitors* li kienu 28 *inch* fid-daqs.
[53] Ara x-xhieda a fol. 493 *et seq* u a fol. 504 *et seq* tal-process.
[54] A fol. 468 *et seq* tal-process.
[55] A fol. 513 *et seq* tal-process.
[56] A fol. 511 *et seq* tal-process.

istess persuni ma kinux gew avzati jew notifikati dwar is-seduta li kellha tinzamm quddiem it-Tribunal Ruman u konsegwentement ma setax isir il-kontro-ezami relattiv, il-Qorti ordnat li kopja legali tax-xhieda li nghatat bil-lingwa Taljana quddiem it-Tribunal imsemmi tigi trasmessa lill-istess Tribunal sabiex isir il-kontro-ezami mitlub mill-imputati. Jirrizulta mill-atti illi ghalkemm regghet inzammet seduta quddiem it-Tribunal Ruman fil-15 ta' Marzu 1999[57], sabiex jinstema' il-Kurunell Corrado Dimartina, hadd mill-imputati jew rapprezentant taghhom ma kien prezenti. F'dan ir-rigward, jirrizulta wkoll mill-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fit-30 ta' Lulju 1999[58], illi l-imputat iddikjaraw illi la huma u lanqas l-avukati difensuri taghhom ma kienu gew notifikati bis-seduta li saret quddiem it-Tribunal ta' Ruma. Ghaldaqstant, permezz ta' digriet tas-17 ta' Settembru 1999, il-Qorti ordnat li l-atti jergghu jigu rinvjati lura lit-Tribunal ta' Ruma sabiex l-imputati jkunu jistghu jaghmlu l-kontro-ezami tal-istess xhud.[59]

Sussegwentement, rega' xehed l-imsemmi xhud permezz tal-procedura tar-rogatorji fis-27 ta' Gunju 2007, fejn rega' kkonferma dak li kien xehed precedentement fis-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal Ruman fis-7 ta' April 1997.[60] Jidher madankollu mill-atti illi ghal darb'ohra la l-imputati u lanqas id-difensuri taghhom ma kienu gew notifikati jew avzati b'din is-seduta. Ghalkemm iz-zewg imputati eventwalment ipprezentaw fl-atti, id-domandi taghhom in kontro-ezami lix-xhud Dimartina, sabiex dan isir bil-proceduri tar-rogatorji[61], ir-rekwiziti rikjesti mil-ligi ghal din il-procedura ma gewx segwiti[62] u dawn baqghu ma sarux, sakemm fis-seduti tas-27 ta' Novembru 2013 u tas-7 ta' Mejju 2014 rispettivament, l-imputati ddikjaraw illi ma kinux qed jinsistu izjed ghas-smiegh ta' dan ix-xhud bil-procedura tal-ittri rogatorji, biex b'hekk effettivament irrinunzjaw ghall-kontro-ezami tal-istess xhud.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi qabel xejn il-Qorti ser tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata miz-zewg imputati rispettivament. Ghalkemm dan il-punt ma giex imqajjem mid-difiza fl-ebda stadju tal-proceduri odjerni, in vista tal-gurisprudenza ricenti tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti jidhrilha li ghandha tidhol f'din il-kwistjoni.

---

[57] Ara a fol. 527 *et seq* tal-process.
[58] A fol. 786 tal-process.
[59] Ara a fol. 788 tal-process.
[60] A fol. 863 *et seq* tal-process. It-traduzzjoni ta' din ix-xhieda fil-lingwa Maltija tinsab esebita a fol. 917 *et seq* tal-process.
[61] A fol. 956 *et seq* u 960 *et seq* tal-process.
[62] Ara n-nota tal-Avukat Generali a fol. 998 tal-process.

Jirrizulta illi l-imputati odjerni rrilaxxjaw l-istqarrija rispettiva taghhom fis-7 ta' Settembru 1994, ghalhekk ferm qabel li l-ligi Maltija bdiet tipprovdi ghad-dritt ta' persuna li tikkonsulta ma' avukat jew prokuratur legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan il-jedd ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ricentement fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **<u>Mario Borg v. Malta</u>**, gie ritenut hekk:

"*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

…

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*".

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Camilleri</u>**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz

ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[63] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[64] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

[63] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[64] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fil-kaz odjern u a bazi tas-sentenzi citati, il-Qorti ser tiskarta bhala inammissibli l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati rispettivament fis-7 ta' Settembru 1994.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputati odjerni jinsabu akkuzati fl-ewwel lok, ai termini tal-paragrafi (a), (b), (c) u (d) tan-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali, bir-reati kkontemplati fl-Artikoli 167(1), 169, 183, 184, 188 u 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dawn bhala reati kontinwati ai termini tal-Artikolu 18 tal-istess Kap. 9.

Illi l-kaz odjern jirrigwarda numru ta' *invoices* dwar merkanzija importata f'Malta mis-socjeta` Mercury Technologies Limited, liema merkanzija kienet tikkonsisti f'*monitors* tad-ditta Hantarex gewwa l-Italja. Il-Prosekuzzjoni qeghda tallega illi l-imputati odjerni ffalsifikaw l-*invoices* li gew ipprezentati gewwa d-Dwana Maltija ghal fini tar-rilaxx tal-istess merkanzija, b'tali mod li l-istess *invoices* juru li gew mahruga mid-ditta Hantarex meta, skond il-Prosekuzzjoni, dawn ma gewx hekk mahruga u fit-tieni lok, illi l-imputati ghamlu dikjarazzjoni falza lill-awtoritajiet tad-Dwana fuq id-*duty entry forms* relattivi ghar-rilaxx tal-istess merkanzija. Ghalhekk ai termini tal-artikoli fuq citati, l-imputati qed jigu akkuzati kemm b'falsita` materjali, kif ukoll b'falsita` ideologika. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Galea</u>**, inghad hekk dwar id-differenza bejn dawn iz-zewg forom ta' falsita`:

"*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tieghu (ara Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – V.VI, n. 2296, -. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero*". *Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F. op cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastic, ecc.*"

F'dan il-kaz, fil-fatt il-Prosekuzzjoni qeghda tallega illi l-*invoices* dwar il-merkanzija importata mis-socjeta` Mercury Technologies Limited, li gew ipprezentati gewwa d-Dwana Maltija ghar-rilaxx tal-merkanzija, ma kinux genwini u dan fis-sens illi effettivament ghalkemm apparentement mahruga mis-socjeta` Hantarex, ma kinux hekk mahruga – ghalhekk il-falz materjali – u bhala konsegwenza, skond il-Prosekuzzjoni, hemm ukoll il-falz ideologiku fid-dokumenti ipprezentati gewwa d-Dwana ghan-nom tas-socjeta` Mercury Technologies Limited ossia fid-*duty entry forms* li mtlew a bazi tal-prezzijiet citati fl-imsemmija *invoices* u li kif inghad, skond il-Prosekuzzjoni, gew iffalsifikati.

Issa sabiex tirnexxi fit-tezi taghha, il-Prosekuzzjoni kellha *inter alia* u fl-ewwel lok, tressaq bhala prova mhux biss l-*invoices* tal-merkanzija li gew ipprezentati lid-Dwana Maltija ghan-nom tas-socjeta' Mercury Technologies Limited u li skond il-Prosekuzzjoni m'humiex genwini, izda kellha tressaq ukoll il-prova tal-*invoices* li effettivament inhargu mis-socjeta` Hantarex gewwa l-Italja, sabiex turi per konsegwenza li l-*invoices* li gew ipprezentati lid-Dwana Maltija, ma kinux genwini, izda foloz. Matul dawn il-proceduri, gew esebiti fl-originali taghhom, l-*invoices* u d-*duty entry forms* li gew ipprezentati lid-Dwana Maltija ghan-nom tas-socjeta` Mercury Technologies Limited u kopja tal-*invoices* li d-Dwana ottjeniet mill-*Guardia di Finanza* Taljana li, f'dan il-kaz, ghenet lid-Dwana fl-

investigazzjonijiet taghha. Da parti taghha, il-*Guardia di Finanza* Taljana jidher li ottjeniet dawn l-*invoices* mis-socjeta` Hantarex. Ghalkemm fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda tal-Ufficjali tal-*Guardia di Finanza* kienet necessarja sabiex tingieb l-ahjar prova dwar l-investigazzjoni u anke ghal fini ta' kontinwita` ta' evidenza, biss huwa evidenti wkoll illi f'dan il-kaz, prova necessarja u indispensabbli kienet certament ix-xhieda ta' rapprezentant jew rapprezentanti tad-ditta Hantarex sabiex jivverifikaw liema kienu l-*invoices* mahruga mill-istess ditta u jekk l-*invoices* ipprezentati lid-Dwana Maltija kinux gew effettivament mahruga minnha.

Matul dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni talbet is-smiegh tax-xhieda tal-Col.t.ST Francesco Petracca tal-*Guardia di Finanza* ta' Ruma, li ghan-nom tieghu saret komunikazzjoni mal-awtoritajiet tad-Dwana dwar dan il-kaz, u ta' rapprezentant tad-ditta Hantarex, permezz tal-proceduri tal-ittri rogatorji, liema talba kif inghad izjed il'fuq giet milqugha minn din il-Qorti. Madankollu, id-domandi redatti mill-Prosekuzzjoni ghal fini ta' din il-proceduri kienu diretti mhux biss lil Petracca, izda wkoll lil Ten. Col. Corrado Dimartina li effettivament jidher li ffirma l-ittra li ntbghatet mill-*Guardia di Finanza* lid-Dwana Maltija ghan-nom tal-imsemmi Petracca. Dwar dan, id-difiza tilmenta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi dan ix-xhud qatt ma gie ndikat bhala tali minn din il-Qorti u wisq inqas bhala espert u li ghalhekk, l-opinjoni tieghu ghandha tigi skartata. L-istess sostniet id-difiza dwar ix-xhieda tal-kuratur tal-falliment tad-ditta Hantarex Gian Pietro Castaldi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li huwa minnu illi dawn iz-zewg xhieda ma gewx nominati bhala esperti f'dawn il-proceduri u ghalhekk semmai ghandhom jigu meqjusa biss bhala xhieda ordinarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Settembru 2009, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Renard Cassar</u>**, gie ritenut hekk:

"*… hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss <u>fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom</u>. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja (art. 650(1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-in genere (art.548 u 549 tal-Kap.9).*

*Issa f'dan il-kaz indubbjament ir-rapport tar-rizultat tal-analisi li saret minn David Gauci … seta' biss jigi kompilat b'hila u sengha specjali tal-istess analista w mhux rizultat ta' kostatazzjoni ta' fatt bis-sensi ordinarji tieghu. Fi kliem iehor*

*jinkorpora opinjoni li, bhala xhud ordinarju, hu kien prekluz milli jaghti kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti* [sottolinear ta' din il-Qorti]."

Fil-fehma tal-Qorti, ma kienet tehtieg l-ebda hila jew sengha specjali biex jigi kkonstatat dak li fil-fatt osservaw dawn iz-zewg xhieda dwar id-diskrepanzi bejn l-*invoices* li kienu fil-pussess tad-Dwana Maltija u l-bqija tal-*invoices* allegatament mahruga mid-ditta` Hantarex, tant li whud mid-diskrepanzi huma evidenti anke minn semplici harsa lejn l-istess.

Il-Qorti tqis illi m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-mertu tal-ilment issollevat mid-difiza fir-rigward ta' dawn ix-xhieda u jekk effettivament setghux jixhdu meta l-Qorti ordnat is-smiegh tax-xhieda ta' persuni specifici. Dan ghaliex jibqa' l-fatt illi xehed min xehed da parti tal-*Guardia di Finanza*, il-Qorti fl-ewwel lok tinnota illi lanqas jidher illi effettivament kien DiMartina mill-*Guardia di Finanza* ta' Ruma illi kien personalment involut fl-investigazzjoni in kwistjoni li sehhet da parti tal-*Guardia di Finanza* ta' Firenze. Dan jirrizulta mix-xhieda tieghu stess li fiha jirreferi ghall-verifici li saru min-nukleju ta' Firenze. Fit-tieni lok u fi kwalunkwe kaz, dan ix-xhud esebixxa biss <u>kopja</u> ta' dokumenti ossia tal-*invoices* li gew trasmessi lil *Guardia di Finanza* f'Ruma min-nukleju ta' Firenze wara li jidher li dawn tal-ahhar ghamlu l-verifici taghhom mad-ditta Hantarex, ghalkemm lanqas ma jirrizulta precizament ma' min saru dawn il-verifici.

Fir-rigward imbaghad tax-xhieda ta' Gian Pietro Castaldi, il-kuratur tal-falliment tad-ditta Hantarex, li effettivament fil-fehma tal-Qorti, bhala tali, kien rapprezentant tal-istess socjeta` fiz-zmien li huwa ta x-xhieda tieghu, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm huwa jikkonferma liema kienu l-*invoices* li gew mahruga mid-ditta Hantarex wara li ghamel il-verifici tieghu mal-kotba tad-ditta u liema kienu dawk l-*invoices* li ma gewx hekk mahruga u anke jipprezenta vera kopja ta' dawk il-fatturi mahruga mid-ditta Taljana fir-rigward tas-socjeta` Mercury Technologies Limited, biss mill-atti u l-verbal tal-proceduri quddiem it-Tribunal ta' Firenze, ma jirrizultax illi din ix-xhieda ttiehdet taht gurament u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha jew tqisha ammissibbli bhala prova.

Dan ifisser illi fl-atti ma tirrizulta l-ebda prova ammissibbli li turi illi l-fatturi ipprezentati lid-Dwana Maltija ghan-nom tas-socjeta` Mercury Technologies Limited sabiex tigi rilaxxjata l-merkanzija mibghuta mid-ditta Hantarex, ma kinux fatturi genwini fis-sens illi ma kinux mahruga minn din id-ditta jew fi kliem iehor li dawn kienu gew iffalsifikati u wisq inqas jista' jirrizulta ghalhekk illi z-zewg imputati kienu involuti fil-falsifikazzjoni ta' dawn id-dokumenti. Konsegwentement la darba l-falsita` materjali ta' dawn id-dokumenti ma tirrizultax

sodisfacentement ippruvata, lanqas ma tista' tirrizulta ppruvata l-falsita` ideologika u dan fis-sens illi d-dikjarazzjoni li saret jew it-taghrif li nghata ghan-nom tas-socjeta` Mercury Technologies Limited fid-*duty entry forms* li gewipprezentati gewwa d-Dwana Maltija a bazi tal-istess fatturi li dwarhom qed tigi allegata l-falsita` materjali, kienet dikjarazzjoni falza jew kien taghrif falz.

Isegwi ghalhekk illi la darba l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-prova, fil-grad rikjest mil-ligi, dwar il-falsita` materjali tad-dokumenti in kwistjoni u dwar il-falsita` tad-dikjarazzjoni jew taghrif fid-dokumenti mahsub ghall-awtorita` pubblika, lanqas ma jirrizulta ippruvat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9 ossia dak tal-frodi b'eghmil qarrieqi.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi r-reati kkontemplati fl-artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fil-paragrafi (a), (b), (c) u (d) fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju ossia l-artikoli 18, 167(1), 169, 183, 184, 188 u 308 ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fit-tieni lok, bhala diretturi tas-socjeta` Mercury Technologies Limited, l-imputati gew akkuzati wkoll b'evazjoni ta' dazju u dan mic-*charge sheet* odjerna jirrizulta li sar fuq zewg binarji –

1. Fl-ewwel lok, skond il-Prosekuzzjoni, stante li gew ipprezentati *invoices* jew fatturi foloz bir-rizultat li ma giex imhallas jew ikkawtelat dazju fis-somma ta' Lm30,539 u dan bi ksur tal-artikolu 60(a)(k) u tal-artikolu 62(a)(b)(e)(f)(g)(h)(k)(m) tal-Ordinanza tad-Dwana, il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

Dawn huma wkoll l-artikoli tal-ligi li gew indikati mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju.

2. U fit-tieni lok, talli kellhom fil-pussess taghhom 29 *monitor/colour televisions* li fuqhom ma giex imhallas jew ikkawtelat dazju ammontanti ghas-somma ta' Lm2,429 u dan bi ksur, skond ic-*charge sheet* odjerna, tal-artikolu 60(a)(e)(k) u l-artikolu 62(a)(b)(e)(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Ordinanza tad-Dwana, il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-banda l-ohra, fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali indika l-artikolu 60(a)(c)(k) (bl-artikolu 60(c) minflok l-artikolu 60(e)) tal-Kap. 37 u l-

artikolu 62(a)(b)(e)(f)(g)(h)(k)(m) (fejn gie mnaqqas ghalhekk l-artikolu 62(i)) tal-Kap. 37.

Il-Qorti ser tezamina l-provi prodotti fir-rigward tar-reati kkontemplati fl-artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju.

Kif tajjeb isottomettiet id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, ir-referenza ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet separati ma gietx spjegata b'mod car fil-mori tal-proceduri. Biss mill-kliem adoperat fic-*charge sheet* fir-rigward tal-artikoli fil-paragrafu (e) tan-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju – hawn fuq indikati fil-paragrafu (1) – jirrizulta li dawn jirreferu ghall-kwistjoni tal-fatturi li, skond il-Prosekuzzjoni, kienu foloz. Fir-rigward tal-artikoli fil-paragrafu (f) tan-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju – hawn fuq indikati fil-paragrafu (2) – mill-provi prodotti, jidher li dawn jirreferu ghan-natura tal-merkanzija maqbuda mill-awtoritajiet tad-Dwana ossia jekk dawn id-29 *monitor* kinux effettivament *monitors* jew *televisions.* Fil-fatt mill-atti jirrizulta illi l-kwistjoni dwar dawn id-29 *monitor* kienet proprju jekk dawn setghux jigu klassifikati biss bhala *monitors* jew inkella kinux attwalment *televisions*.

Id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni fir-rigward tar-reati kkontemplati fl-artikolu 62(a), (b), (e), (h) u (m) tal-Kap. 37, kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern, u dan a bazi tal-artikolu 76(2) tal-istess Kapitolu li jghid illi procedimenti dwar xi reat kontra l-Ordinanza tad-Dwana ghandhom jibdew:

"*(a) meta l-oggetti li dwarhom min ikun ghamel ir-reat ikunu qed isiru procedimenti kontra tieghu jkunu xi oggetti murija fl-Iskeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, fi zmien ghaxar snin mid-data li fiha l-oggetti jkunu mportati;*

*(b) meta l-procedimenti jinbdew taht il-paragrafu (f) jew (g) ta' l-artikolu 62 u l-paragrafu (k) ta' l-artikolu 62 b'riferenza ghall-paragrafi (f) jew (g) ta' l-imsemmi artikolu, f'kazijiet barra minn dawk li ghalihom japplika l-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, fi zmien hames snin mid-data ta' l-importazzjoni ta' l-oggetti li ghalihom ikun jirreferi r-reat; u*

*(c) f'kull kaz iehor fi zmien sentejn mid-data tal-kommissjoni tar-reat.*"

L-Iskeda msemmija fil-paragrafu (a) titkellem dwar tabakk, inbejjed u spirti, armi tan-nar u munizzjoni u ghalhekk dan l-istess paragrafu ma japplikax fil-kaz odjern. La darba l-imputati gew addebitati bir-reati kkontemplati fil-paragrafi (a)(b)(e)(f)(g)(h)(k)(m) tal-Artikolu 62, dan ifisser illi b'eskluzjoni tal-paragrafi

(f), (g) u (k), ir-reati fil-paragrafi l-ohrajn – (a)(b)(e)(h) u (m) – huma preskrivibbli b'terminu ta' sentejn mid-data tar-reat. F'dan il-kaz jirrizulta illi l-fatturi u l-*entries* kollha fir-rigward tal-merkanzija in kwistjoni jirrisalu bejn Marzu 1992 u Mejju 1993 u r-rilaxx tal-istess merkanzija mill-awtoritajiet tad-Dwana sehh fl-istess zmien, fil-waqt illi l-proceduri odjerni inbdew fit-30 ta' Ottubru 1995, meta l-imputati tressqu quddiem il-Qorti taht arrest.

Ghaldaqstant, jirrizulta car illi l-azzjoni dwar ir-reati fl-artikoli (a)(b)(e)(h) u (m) kienet preskritta meta nbdew dawn il-proceduri.

Jibqa' ghalhekk illi l-Qorti tezamina l-provi dwar ir-reati kkontemplati fl-artikolu 62(f), (g) u (k) tal-Kap. 37.

Illi ai termini tal-artikolu 62(f) tal-Kap. 37, ikun hati ta' reat kontra l-Ordinanza, kull min –

"*xjentement jilqa' ghandu, izomm, jew jahbi, jew xjentement ihalli jew jittollera, jew igieghel jew ifittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju, jew oggetti li jkunu gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta' dazju, minn mahzen ta' depozt tal-gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn ikunu gew iddepozitati*".

Ai termini tal-artikolu 62(g) tal-Kap. 37, imbaghad, ikun hati ta' reat kontra l-istess Ordinanza, kull min "*xjentement jigi fil-pussess ta' dawn l-oggetti*".

U finalment skond l-artikolu 62(k) tal-istess Kap. 37, huwa wkoll hati ta' reat kull min "*ihajjar, ighin jew jassisti l-eghmil tar-reati hawn fuq imsemmija*".

Jibda biex jinghad illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-merkanzija in kwistjoni kienet giet rilaxxjata mill-awtoritajiet tad-Dwana lis-socjeta` Mercury Technologies Limited u dan jirrizulta ampjament mill-provi prodotti, kif jirrizulta wkoll ippruvat mill-*Memorandum and Articles of Association* esebit fl-atti illi l-imputati kienu d-diretturi tal-istess socjeta`, ghalkemm il-Qorti tinnota illi l-ko-imputat Grech gie appuntat bhala direttur tal-istess socjeta` b'effett mill-15 ta' April 1992 u ghalhekk wara d-data ta' whud mill-fatturi u *entry forms* li gew ipprezentati gewwa d-Dwana ghar-rilaxx tal-merkanzija.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi kif tajjeb issottomettiet id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-ispostament tal-oneru tal-prova fuq l-imputati ai termini

tal-artikolu 77 tal-Kap. 37, fil-kwistjonijiet hemmhekk indikati, inkluz tal-prova illi d-dazju li jmiss fuq l-oggetti in kwistjoni kien gie mhallas, issehh biss f'dawk il-kazijiet fejn l-imputat ikun qajjem tali eccezzjoni. Dan il-punt gie stabbilit f'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom **Il-Pulizija vs Victor Calleja** deciza fl-24 ta' Awwissu 1990, **Il-Pulizija vs Joseph Meilaq** deciza fil-5 ta' Settembru 1990, **Il-Pulizija vs John Mary Deguara** tas-7 ta' Settembru 1990 u **Il-Pulizija vs Paul Balzan** tal-5 ta' Mejju 2005. F'dan il-kaz, mill-atti ma jirrizutax illi l-imputati qajjmu xi eccezzjoni minn dawk ikkontemplati fl-artikolu 77 tal-Kap. 37 u ghaldaqstant, dan l-artikolu m'huwiex applikabbli f'dan il-kaz.

Kif inghad ai termini tal-ewwel paragrafu tal-imputazzjoni (e) tac-*charge sheet* odjerna, ir-reati kkontemplati f'dawn l-artikoli (ossia l-artikoli riprodotti fil-paragrafu (e) tan-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali) gew addebitati lill-imputati qua diretturi tas-socjeta` Mercury Technologies Limited a bazi tal-fatt illi allegatament gewipprezentati fatturi foloz mal-awtoritajiet tad-Dwana sabiex tigi rilaxxjata l-merkanzija in kwistjoni bir-rizultat li ma giex imhallas jew ikkawtelat dazju fis-somma ta' Lm30,539. Isegwi ghalhekk illi sabiex jigi ppruvat ir-reat fl-artikolu 62(f) tal-Kap. 37, kif ukoll ir-reati fl-artikolu 62(g) u (k) kellu l-ewwel jigi ppruvat illi l-fatturi ipprezentati lill-awtoritajiet tad-Dwana kienu foloz, fatt dan li madankollu baqa' ma giex ippruvat f'dawn il-proceduri. Ghaldaqstant, la darba l-att materjali li a bazi tieghu l-Prosekuzzjoni qeghda taddebita lill-imputati odjerni qua diretturi tas-socjeta` in kwistjoni bl-evazjoni ta' dazju ma jirrizultax, lanqas ma jistghu jirrizultaw ippruvati r-reati fl-artikoli 62(f), (g) u (k) tal-Kap. 37. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, mhuwiex necessarju li l-Qorti tidhol fix-xjenza rikjesta mil-ligi u fil-kwistjoni tar-responsabilita` vikarja trattata mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

Imbaghad, fir-rigward tal-paragrafu (f) tan-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali, skond it-tieni paragrafu tal-imputazzjoni (e) tac-*charge sheet* odjerna, qed jigi allegat illi ma giex imhallas jew ikkawtelat dazju fuq 29 *monitor/colour televisions* fil-pussess tal-imputati qua diretturi tas-socjeta` msemmija. Dwar dawn id-29 *monitor* jew *colour televisions*, il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrigwardaw in-natura ta' l-imsemmija oggetti u jekk dawn fil-fatt kinux *monitors* jew *televisions.* F'dan is-sens xehed Martin Spiteri, liema xhieda giet citata mill-Qorti izjed 'il fuq, li wasal ghall-konkluzjoni illi dawn l-oggetti kienu izjed *televisions* milli *monitors*, ghaliex kellhom il-partijiet kollha ta' *television* hlief ghat-*tuner*.

Biss kif issottomettiet id-difiza fin-nota taghha, il-Prosekuzzjoni ma talbitx il-hatra ta' espert tekniku da parti tal-Qorti sabiex jezamina dawn l-oggetti u jiddetermina

jekk effettivament kinux *monitors* jew *televisions*. Fil-fehma tal-Qorti, id-determinazzjoni tan-natura ta' dawn l-oggetti certament kienet tirrikjedi perizja, ghaliex jehtieg element ta' sengha u hila sabiex wiehed jistabilixxi dan il-fatt. Tant dan huwa minnu illi l-istess xhud Spiteri jghid illi l-*monitor* in kwistjoni kien gie mghoddi lilu, ghall-analisi tieghu, mit-*technician* tad-Dipartiment tal-*Wireless and Telegraphy* ghaliex dan tal-ahhar ma setax jistabilixxi jekk dan kienx *monitor* ta' *computer* jew *television*. U allura jekk lanqas bniedem tekniku fid-dipartiment ma seta' jistabilixxi dan il-fatt, certament illi d-determinazzjoni tan-natura tal-oggett kienet tehtieg hila u sengha ta' espert. Din il-prova kellha ssir permezz ta' espert mahtur mill-Qorti, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, u mhux permezz ta' espert *ex parte*, kif tipprovdi l-ligi fl-artikolu 650(1) u (2) tal-Kap. 9. M'hemmx dubju ghalhekk illi l-konkluzjonijiet tax-xhud Martin Spiteri jinkorporaw opinjoni li, bhala xhud ordinarju, huwa kien prekluz milli jaghti quddiem il-Qorti. Isegwi illi la darba dawn il-konkluzjonijiet ma sarux minn espert mahtur mill-Qorti, l-istess konkluzjonijiet huma inammissibbli bhala prova.

Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm Patrick Pullicino u Francis Borg, dak iz-zmien stazzjonati fil-*valuation office* gewwa d-Dwana, ghamlu stima ta' *monitor* 28" tad-ditta Hantarex fil-11 ta' Novembru 1994, liema *monitor* kien wiehed minn dawk konfiskati mill-awtoritajiet tad-Dwana lis-socjeta` Mercury[65] u addebitawlu valur ta' Lm125 CIF, biss anke f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju fil-proceduri ma talbet hatra ta' espert mill-Qorti sabiex issir prova tal-valur tal-*monitors* in kwistjoni. L-istima tal-valur ta' oggetti simili, fil-fehma tal-Qorti, tirrikjedi sengha u hila u ghaldaqstant anke f'dan il-kaz, kellha tintalab perizja sabiex jigi stabbilit il-valur tal-istess *monitors* jew oggetti simili, kemm il-darba l-Prosekuzzjoni riedet turi illi l-prezzijiet indikati fl-*invoices* prezentati lid-Dwana ghan-nom tas-socjeta` Mercury Technologies Limited kienu inqas mill-valur reali tal-merkanzija in kwistjoni jew kemm il-darba riedet taghmel xi prova ohra fir-rigward ta' tali merkanzija.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi lanqas fir-rigward tal-imsemmija 29 *monitor* ma ngabet prova fil-grad rikjest mil-ligi tal-elementi materjali li jikkostitwixxu r-reati fl-artikoli 62(f), (g) u (k) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre stante illi l-Qorti mhux qed issib htija fir-rigward tar-reati msemmija u ma jirrizultawx l-elementi materjali rikjesti fl-artikolu 60(a), (c) u (k), isegwi wkoll illi

---

[65] Is-*serial number* tal-*monitor* li tieghu saret valutazzjoni huwa 00461 (ara x-xhieda a fol. 513 tal-process), liema numru huwa mnizzel bhala *serial number* fuq il-lista ta' *serial numbers* tad-29 *monitor* (ara a fol. 503 tal-process) li nizzel ix-xhud Carmelo Abela meta ezamina l-istess *monitors* li kienu ttiehdu gewwa l-i*store* tad-dipartiment tad-Dwana gewwa Pinto Wharf.

lanqas ma tista' tordna l-konfiska tal-merkanzija in kwistjoni ai termini tal-paragrafi ta' dan l-artikolu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt illi tiddikjara l-azzjoni preskritta fir-rigward tar-reati kkontemplati fl-Artikolu 62(a), (b), (e), (h) u (m) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta (kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern), kemm fir-rigward tal-paragrafu (e), kif ukoll fir-rigward tal-paragrafu (f) tan-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali, u tillibera lill-imputati minn kull htija u piena fir-rigward tal-istess, issib lill-imputati mhux hatja tar-reati kkontemplati fl-Artikoli 18, 167(1), 169, 183, 184, 188 u 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikolu 62(f), (g) u (k) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta (kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern) u dan kemm fir-rigward tal-paragrafu (e), kif ukoll tal-paragrafu (f) tan-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali, u qeghda tilliberahom minnhom.

Konsegwentement lanqas ma hija qeghda tordna l-konfiska ai termini tal-Artikolu 60(a)(k) tal-Kap 37 indikat fil-paragrafu (e) tan-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali u ai termini tal-Artikolu 60(a)(c)(k) tal-Kap 37 indikat fil-paragrafu (f) tal-istess Nota.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat